

# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com
Ħarġa Nru 2

## Ġewwa Fatima, Marija dehret lit-tlett itfal nhar it-13 ta' Mejju. Xejn kumbinazzjoni.

## SAN JOSEMARIA ESCRIVÀ

Il-Fundatur tal-Opus Dei jitkellem dwar ir-Rużarju:

"Ir-Rużarju Mqaddes huwa arma qawwija. Użah bil-fiduċja u tiskanta bir-riżultati."

"Int dejjem tħalli r-Rużarju għat-tard, u tispiċċa li ma tgħidux għax tkun bi ngħas. Jekk ma jkollox ħin, għidu fit-triq bla ħadd ma jintebaħ bik. Xejn xejn jgħinek li tkun fil-preżenza ta' Alla."

"Jekk tirreċita r-Rużarju kuljum, bi spirtu ta' fidi u imħabba, il-Madonna żgur li tmexxik 'il ġewwa fit-triq ta' binha".

"Irreċita r-Rużarju Mqaddes. Imbierka dik il-monotonija tas-Sliemiet li ssaffi l-monotonija ta' dnubietek!"

## KONT TAF ?

Kont taf ghaliex id-Dumnikani jilbsu fuq ilbieshom Kuruna kbira tar-Rużarju fuq in-naħa tax-xellug ?

Dari, l-kavallieri fuq ġenbhom tax-xellug kienu jdendlu x-xabla. Hekk kif ikunu attakkati, pront pront, idhom il-leminija kienet tmur fuq in-naħa tax-xellug u arahom jisiltu x-xabla kontra l-għadu li jkun se jaħbat għalihom.



Ix-xabla tal-Patri Dumnikan hija l-Kuruna tar-Rużarju ta' Marija.
Iva, hija talba imma hija wkoll arma qawwija kontra l-assalti tax-xitan.



It-13 ta' Mejju taħbat il-festa tal-Madonna tal-Ewkaristija.

Din il-festa kien habrek li tiġi ċċelebrata qaddis kbir tal-Ewkaristija u tal-Madonna : San Pierre Julien Eymard.

Il-Madonna kienet ordnatlu jwaqqaf Kongregazzjoni tas-Santissmu Sagrament. Il-Kwadru titulari riedet li juri lil Marija bil-Bambin fuq dirgħajha u f'id oħra l-kalċi bl-Ostja – Il-Madonna tal-Ewkaristija.

Sa mill-Ewwel Dehra taghha f'Fatima, Marija riedet tgħidilna li f'dawn iż-żmenijiet taghna, dawn huma l-aktar mezzi qawwija kontra l-ħażen ta' żmienna:

l-Ewkaristija u Marija !